**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 182/16 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-3 t'Awissu 2001 minn liema zwieg ma twieldi zewgt itfal u cioe Tristan Vella li twieled fid-19 t'Ottubru 2001 u Jake Lee Vella li twieled fid-9 ta' Jannar 2003 skont l-anness certifikat DOK A;

Illi l-partijiet finalment isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni tas-16 ta' Mejju 2012 skond l-anness kuntratt DOK B;

Illi ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati minn Jannar 2012 u illum ghandom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-manteniment hu regolat skond il-kuntratt ta' separazzjoni b'dan illi l-partijiet iddekadew reciprokament ghad-dritt li jircievu

manteniment minn xulxin fil-waqt li il-manteniment ta' l-ulied thallas f'daqqa mal-kuntratt;

Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artiklu 66B tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-qrati fi zmien imholli ghalhekk mill-istess Qorti javza lid-direttur tar-registru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz tieghu jirrileva :

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat sittax ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (16/05/2012) in atti Nutar Dottor Nicholas Vella;

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet ddekadew mid-dritt illi jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin u ghaldaqstant m'hemm ebda manteniment jew arretrati dovuti f'dan ir-rigward;

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, il-manteniment tal-ulied kien thallas kollu f'daqqa mal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, u ghaldaqstant m'hemmx arretrati ta' manteniment dovuti f'dan ir-rigward;

Illi l-esponent jaqbel illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, stante l-fatt illi ilhom iktar minn erba' (4) snin separati minn xulxin;

Illi l-esponent m'ghandux oggezzjoni illi dan iz-zwieg tieghu mar-rikorrenti jigi xolt;

Illi pero jinghad illi l-esponent ma kellu l-ebda interess illi jottjeni dan id-divorzju u mhuwiex lest illi ihallas ghall-ispejjez tieghu;

Ghaldaqstant huwa joggezzjona ghall-hlas tal-ispejjez abbinati ma din il-kawza;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Lulju, 2016;

Semghet lill-intimat jikkonferma ir-risposta tieghu waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Mejju 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.